# 12. Santa Giovanna D'Arco

Is-sliem għalik, Santa Giovanna d'Arco,
ja xbejba minn Orleans, l-akbar gwerriera
qaddisa fil-ġrajjiet tal-Knisja Mqaddsa
li mitt maħruqa!

Kont għadek ta' sbatax: il-leħen t'Alla
lilek bil-leħnijiet tal-qaddisin
Mikiel, Katrin u Margerita sejjaħ
biex tifdi 'l Franza

Minn taħt l-Ingliżi; kollok ħerqa smajtu,
neħħejt minn qaddek id-dublett ta' mara,
ilbist korazza, tal-azzar taħt l-elmu
dawwart it-toppu;

Tlajt fuq iż-żiemel, tawk il-lanza u t-tarka,
is-sejf, ix-xabla; tlaqt minn dar missierek
flimkien ma' ġilba żgħira ta' suldati
għand id-Dauphin.

U sibtu wisq għażżien, bla moħħ u dgħajjef,
imdawwar bi kmandanti mingħajr ħila,
u b'għorrief mingħajr dehen, jiġġieldu ġlieda
mingħajr prinċipji.

Għidtilhom illi skont ir-rieda t'Alla
Franza hija tagħhom biss, mhux tal-Ingliżi,
u li l-Ingliżi barranin jitilqu
għandhom lejn darhom;

Għallimthom l'huma wlied ta' Franza ommhom
u mhux tan-nobbli kbar; lejn arthom sbejħa
qanqalt il-ħeġġa tal-imħabba tagħhom;
b'dan l-ideal

Ridthom jiġġieldu l-ġlieda mal-barrani.
Kellek sbatax-il sena, id-Dauphin warrab
lill-kmandanti u l-għorrief, u għamel lilek
kap tal-armata.

U soqthom għall-assedju ta' Orleans,
bis-sengħa l-ġdida tal-kanuni mdawra
f'pont wieħed dgħajjef; qsamt tal-għadu l-linji
u dħalt fil-belt!

Mal-għaqda fuq il-front ridt ukoll l-għaqda
fil-kamp ċivili; b'għaqal kbir int ġbarthom
fil-kattidral ta' Rheims, u re ta' Franza
dlikt lid-Dauphin.

Ir-re reġa' għall-għażż u l-qtigħ ta' qalb,
u ried jiftiehem mal-Ingliżi u sħabhom;
iżda int ma ridtx tistrieħ qabel sal-aħħar
nitfa ta' Franza

Tkun tal-Franċiżi biss, mhux tal-barrani
sew kif ried Alla; erġajt ġbarthom u soqthom
biex jaħbtu għal Compiege fejn bi sfortuna
int sfajt maqbuda!

L-Ingliżi ħallsu d-deheb biex ġejt f'idejhom
mingħand il-Burgundjani, u biex jeħilsu
minnek darba għal dejjem, xlewk mal-Isqof
u l-Kurja tiegħu,

U mal-Inkwiżitur illi int saħħara,
eretka, bla dekor tilbes ta' raġel.
Ġarrabt l-għeluq u d-dlam ġol-eħrex kalzri,
sofrejt it-tul

tal-mistoqsijiet twal tal-Kurja sħiħa;
u fl-aħħar għaddewk kawża; riduk tiċħad
il-leħnijiet tal-qaddisin, tgħid li huma
ġejjin mix-xjaten,

U tgħid l'int ħatja talli lbist ta' raġel;
qalulek ċar jekk ma tistqarrx il-ħtija
u titlob maħfra, jaħarquk ġo pjazza
quddiem in-nies.

Ja Xbejba ta' Prleans, fejn kienu ħbiebek?
Fejn kien ir-re li dlikt, dak illi rbaħtlu
il-battalji mill-kbar? Fejn kien l-Arċisqof
ir-ragħaj ta' beltek?

Fejn kienu l-ġenerali tal-kmand tiegħek,
u s-suldati li stmajt, ħabbejt bil-għozza
bħall-mimmi ta' għajnejk, li soqt bil-ħerqa
lejn il-vittorji?

Kif għab kulħadd! Kif f'sentejn sħaħ ma rajthom!
Għalxejn ta' xejn fl-awla tal-qorti kbira
żebbiġt għajnejk, għax lanqas biss feġġ wieħed
għall-kurżità!

Ja xbejba ta' Orleans, kont bla malizzja,
u kont sinċiera wisq, ħsibt billi għenthom
sa jkunu jafuhulek flok ma jgħiru
u jobogħduk!

Il-ġenju jqajjem l-għira u l-ġelosija;
u l-qodos u l-virtù iqajmu l-biża';
id-dinja ma tiflaħx il-qaddisin
u teħles minnhom.

Lil Kristu d-dinja għajtet: "Crucifige!",
lil Sokrate ġagħlitu jieħu s-semm;
għalik ja tfajla twajba mingħajr ħtija
qed tħejji n-nar!

Bil-ġenju tiegħek iddifendejt ruħek;
staqsejthom jekk kienx hemm miktub li mara
ma tistax tkun gwerrier, u jekk hi tista'
staqsejt hux xieraq

li tibqa' qalb l-irġiel liebsa ta. mara,
u tiġbed fuqha l-ħars u x-xewqat ħżiena.
Il-leħnijiet li smajt ma stajtx tammetti
li mhux mis-sema.

U damu jissikkawk; qalulek Alla
ikellem lill-bnedmin permezz tal-Knisja
mhux permezz tiegħek; min kont int biex f'isem
Alla titkellem?

Iżda int weġibthom sew illi mhux Alla
tal-Knisja ġewwa l-id, 'mma l-Knisja f'idu;
li Hu jinqeda b'min irid ħa' jkellem
lill-poplu tiegħu.

Kien kollu għal ta' xejn; l-imħallfin kellhom
jikkundannawk, u qalu l'int eretka,
saħħara li ġo fik għandek ix-xjaten
u tawk il-piena.

B’kuraġġ ta’ ljun int tlajt għal fuq il-ħatab,
u taw in-nar; b’salib tal-ħatab f’idek
inti tfarraġt u tlabt lill-Mulej jgħinek
tbati bis-sabar.

Santa Giovanna, l-fjamma tiegħek xegħlet
u baqgħet tixgħel tul is-sekli kollha;
u dawk li ġew warajk raw fid-dawl tagħha
li kont qaddisa,

u tawk l-unur li jixraq fuq l-altari.
Wara sitt sekli l-fjamma għadha tixgħel,
turi lid-dinja t-toroq tal-qalbiena
u l-qaddisin.

Iddi, Giovanna, uri ‘t-tfajliet tagħna
sabiex jiġġieldu għal din art twelidna;
għidilhom Malta tagħna għaliex Alla
lilna biss taha.

Għallimhom kif isofru bl-akbar sabar
kundanni mingħajr ħtija għal pajjiżhom,
li l-ħaqq fl-aħħar ifiġġ fid-dlam tas-sekli,
u jibqa’ jiddi.